2026/1726

14.7.2026

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/1726

## tat-13 ta' Lulju 2026

## li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Kosovo *

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 33, flimkien mal-Artikolu 31(2), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-4 ta' Frar 2008, il-Kunsill qabel li jaħtar Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għall-Kosovo.

(2) Fis-26 ta' Lulju 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2084 ([1]), li ħatret lis-Sur Aivo ORAV bħala r-RSUE għall-Kosovo għall-perjodu mill-1 ta' Settembru 2024 sal-31 ta' Awwissu 2026.

(3) Jenħtieġ li jinħatar RSUE bħala r-RSUE għall-Kosovo għall-perjodu mill-1 ta' Settembru 2026 sal-31 ta' Awwissu 2028.

(4) Ir-RSUE ser jimplimenta l-mandat fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi l-ksib tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea**

Is-Sur Dirk SCHÜBEL huwa b'dan maħtur bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għall-Kosovo mill-1 ta' Settembru 2026 sal-31 ta' Awwissu 2028. Il-Kunsill jista' jiddeċiedi li l-mandat tar-RSUE jiġi estiż jew mitmum aktar kmieni, abbażi ta' valutazzjoni mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) u proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ("ir-Rappreżentant Għoli").

*Artikolu 2*

**Objettivi ta' politika**

Il-mandat tar-RSUE għandu jkun ibbażat fuq l-objettivi tal-politika li ġejjin tal-Unjoni fil-Kosovo:

(a) ir-rwol ta' tmexxija fil-promozzjoni ta' Kosovo stabbli, vijabbli, paċifiku, demokratiku u multietniku li jimpenja ruħu fil-kooperazzjoni reġjonali;

(b) it-tisħiħ tal-istabbiltà fir-reġjun u l-kontribut għal kooperazzjoni reġjonali b'mod ġenerali u relazzjonijiet tajbin ta' viċinat fil-Balkani tal-Punent;

(c) il-promozzjoni ta' Kosovo impenjat lejn l-istat tad-dritt u l-protezzjoni tal-minoritajiet u tal-wirt kulturali u reliġjuż;

(d) l-appoġġ għall-perspettiva Ewropea tal-Kosovo u r-ravviċinament tiegħu lejn l-Unjoni b'mod allinjat mal-perspettiva tar-reġjun u f'konformità mal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Kosovo, min-naħa l-oħra ([2]) (il-"Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni") u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1988 ([3]), u b'mod konformi mal-konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill.

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/2084 tas-26 ta' Lulju 2024 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fil-Kosovo (ĠU L, 2024/2084, 29.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2084/oj).

([2]) ĠU L 71, 16.3.2016, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2016/342/oj.

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1988 tat-22 ta' Ottubru 2015 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Kosovo, min-naħa l-oħra (ĠU L 290, 6.11.2015, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2015/1988/oj).

*Artikolu 3*

**Mandat**

Sabiex jinkisbu l-objettivi tal-politika, il-mandat tar-RSUE għandu jkun li:

(a) jappoġġa l-perspettiva Ewropea tal-Kosovo u r-ravviċinament tiegħu lejn l-Unjoni, b'mod allinjat mal-perspettiva reġjonali tagħha, f'konformità mal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u mad-Deċiżjoni (UE) 2015/1988, u b'mod allinjat mal-konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill, permezz ta' komunikazzjoni pubblika mmirata u attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-Unjoni mfassla biex ikunu żgurati l-fehim u l-appoġġ usa' mill-pubbliku tal-Kosovo dwar kwistjonijiet relatati mal-Unjoni, inkluż il-ħidma tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo (EULEX KOSOVO);

(b) jimmonitorja, jassisti u jiffaċilita, permezz tal-mezzi u l-istrumenti kollha għad-dispożizzjoni tar-RSUE u bl-appoġġ tal-Uffiċċju tal-Unjoni fil-Kosovo, il-progress fil-prijoritajiet politiċi, ekonomiċi u Ewropej inkluż is-sigurtà u l-Manipulazzjoni tal-Informazzjoni u Interferenza minn Barranin (FIMI), f'konformità mal-kompetenzi u r-responsabbiltajiet istituzzjonali rispettivi, u jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni inkluż permezz tal-Aġenda Ewropea għar-Riforma;

(c) jikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-konsolidazzjoni tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali fil-Kosovo, inkluż fir-rigward tan-nisa u t-tfal, il-ġeneru, id-diversità u l-inklużjoni u l-protezzjoni tal-minoranzi, f'konformità mal-politika dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-Unjoni u l-Linji Gwida tal-Unjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

(d) jippromwovi koordinazzjoni politika ġenerali tal-Unjoni fil-Kosovo;

(e) isaħħaħ il-preżenza tal-Unjoni fil-Kosovo u jiżgura l-koerenza, l-effettività u l-viżibilità tagħha; jikkoordina l-istrateġija ta' komunikazzjoni pubblika tal-Unjoni fil-Kosovo, inkluż billi jaħdem mill-qrib mar-RSUE għad-Djalogu bejn Belgrad u Pristina u l-Kap tal-EULEX KOSOVO;

(f) jipprovdi gwida politika lokali lill-Kap tal-EULEX KOSOVO, inkluż dwar l-aspetti politiċi ta' kwistjonijiet relatati mar-responsabbiltajiet eżekuttivi tal-Missjoni, kif ukoll dwar it-trasferiment eventwali tal-attivitajiet tagħha lill-EUSR jew lill-Uffiċċju tal-Unjoni fil-Kosovo u/jew lill-awtoritajiet lokali, kif xieraq u jekk iċ-ċirkostanzi lokali jippermettu;

(g) jappoġġa, kif meħtieġ, id-Djalogu bejn Belgrad u Pristina ffaċilitat mir-Rappreżentant Għoli, b'enfasi fuq il-promozzjoni ta' ambjent favorevoli għall-proċess; joffri pariri politiċi lokali u għarfien espert lir-RSUE għad-Djalogu bejn Belgrad u Pristina;

(h) jappoġġa l-mandat tal-Awli Speċjalisti u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjalizzat, kif xieraq, f'koordinazzjoni mal-EULEX KOSOVO, inkluż permezz ta' komunikazzjoni u sensibilizzazzjoni.

*Artikolu 4*

**Implimentazzjoni tal-mandat**

1. Ir-RSUE għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-mandat, taħt l-awtorità tar-Rappreżentant Għoli.

2. Il-KPS għandu jżomm kuntatt privileġġjat mar-RSUE u għandu jkun il-punt primarju ta' kuntatt tar-RSUE mal-Kunsill. Il-KPS għandu jipprovdi gwida strateġika u direzzjoni politika lir-RSUE fil-qafas tal-mandat, mingħajr preġudizzju għas-setgħat tar-Rappreżentant Għoli.

3. Ir-RSUE għandu jaħdem f'koordinazzjoni mill-qrib mad-dipartimenti rilevanti tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE).

*Artikolu 5*

**Finanzjament**

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat tar-RSUE (in-"nefqa") għall-perjodu mill-1 ta' Settembru 2026 sal-31 ta' Awwissu 2028 għandu jkun ta' EUR 5 710 846,74.

2. In-nefqa għandha tiġi amministrata f'konformità mal-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

3. L-amministrazzjoni tan-nefqa għandha tkun soġġetta għal kuntratt bejn ir-RSUE u l-Kummissjoni. Ir-RSUE għandu jagħti rendikont lill-Kummissjoni għal kull nefqa.

*Artikolu 6*

**Kompożizzjoni tat-tim tar-RSUE**

1. Fil-limiti tal-mandat tar-RSUE u l-mezzi finanzjarji korrispondenti disponibbli, ir-RSUE għandu jkun responsabbli mill-formazzjoni ta' tim. It-tim għandu jinkludi l-kompetenza esperta dwar kwistjonijiet speċifiċi ta' politika kif jirrikjedi l-mandat. Ir-RSUE għandu jżomm lill-Kunsill u lill-Kummissjoni infurmati fil-pront dwar il-kompożizzjoni tat-tim.

2. L-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u s-SEAE jistgħu jipproponu l-issekondar ta' persunal biex jaħdem mar-RSUE. Is-salarji ta' tali persunal issekondat għandhom ikunu koperti mill-Istat Membru, mill-istituzzjoni tal-Unjoni kkonċernata jew mis-SEAE, kif xieraq. L-esperti ssekondati mill-Istati Membri fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni jew lis-SEAE jistgħu wkoll jiġu assenjati sabiex jaħdmu mar-RSUE. Il-persunal internazzjonali kkuntrattat għandu jkollu ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru.

3. Il-persunal issekondat kollu għandu jibqa' taħt l-awtorità amministrattiva tal-Istat Membru li jissekonda, tal-istituzzjoni tal-Unjoni kkonċernata, jew tas-SEAE u għandu jwettaq dmirijietu u jaġixxi fl-interess tal-mandat tar-RSUE.

4. Il-persunal tar-RSUE għandu jitqiegħed fl-istess post li fih jinsab l-Uffiċċju tal-Unjoni fil-Kosovo sabiex jiġu żgurati l-koerenza u l-konsistenza tal-attivitajiet rispettivi tagħhom.

*Artikolu 7*

**Privileġġi u immunitajiet tar-RSUE u tal-membri tat-tim tar-RSUE**

Il-privileġġi, immunitajiet u garanziji oħra meħtieġa għat-tlestija u l-funzjonament bla tfixkil tal-mandat tar-RSUE u tal-membri tat-tim tar-RSUE għandhom jiġu miftehmin mal-partijiet ospitanti, kif xieraq. L-Istati Membri u s-SEAE għandhom jagħtu l-appoġġ kollu meħtieġ għal dak l-għan.

*Artikolu 8*

**Sigurtà ta' informazzjoni klassifikata tal-UE**

1. Ir-RSUE u l-membri tat-tim tar-RSUE għandhom jirrispettaw il-prinċipji u l-istandards minimi ta' sigurtà stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE ([4]).

2. IrRappreżentant Għoli għandu jkun awtorizzat jirrilaxxa lin-NATO/KFOR informazzjoni u dokumenti klassifikati tal-UE sal-livell "CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL" iġġenerati għall-finijiet tal-azzjoni, f'konformità mar-regoli ta' sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE.

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE tat-23 ta' Settembru 2013 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 274, 15.10.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2013/488/oj).

3. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jkun awtorizzat jirrilaxxa lin-Nazzjonijiet Uniti u lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, f'konformità mal-ħtiġijiet operattivi tar-RSUE, informazzjoni u dokumenti klassifikati tal-UE sal-livell "RESTREINT UE/EU RESTRICTED" li jiġu ġġenerati għall-finijiet tal-azzjoni, f'konformità mar-regoli ta' sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE. Għandhom jitfasslu arranġamenti lokali għal dak il-għan.

4. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jkun awtorizzat jirrilaxxa lil partijiet terzi assoċjati ma' din id-Deċiżjoni dokumenti mhux klassifikati tal-UE li jkunu relatati mad-deliberazzjonijiet tal-Kunsill rigward l-azzjoni koperta mill-obbligu tas-segretezza professjonali skont l-Artikolu 6(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ([5]).

*Artikolu 9*

**Aċċess għal informazzjoni u sostenn loġistiku**

1. L-Istati Membri, il-Kummissjoni, is-SEAE u s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandhom jiżguraw li r-RSUE jingħata aċċess għal kwalunkwe informazzjoni rilevanti.

2. L-Uffiċċju tal-Unjoni u/jew l-Istati Membri, kif xieraq, għandhom jipprovdu appoġġ loġistiku lir-RSUE u lill-membri tat-tim tar-RSUE.

*Artikolu 10*

**Sigurtà**

F'konformità mal-politika tal-Unjoni dwar is-sigurtà ta' persunal stazzjonat barra l-Unjoni f'kapaċità operattiva taħt it-Titolu V tat-Trattat, ir-RSUE għandu jieħu l-miżuri kollha raġonevolment prattikabbli, skont il-mandat tar-RSUE u s-sitwazzjoni ta' sigurtà fiż-żona ta' responsabbiltà, għas-sigurtà tal-persunal kollu taħt l-awtorità diretta tar-RSUE, b'mod partikolari billi:

(a) jistabbilixxi pjan ta' sigurtà speċifiku bbażat fuq gwida mis-SEAE, li jinkludi miżuri ta' sigurtà fiżiċi, organizzattivi u proċedurali speċifiċi, li jirregolaw il-ġestjoni tal-moviment sigur tal-persunal lejn iż-żona ta' responsabbiltà u ġewwa fiha, kif ukoll il-ġestjoni ta' inċidenti ta' sigurtà u li jipprevedu pjan ta' kontinġenza u ta' evakwazzjoni;

(b) jiżgura li l-persunal kollu stazzjonat barra l-Unjoni jkun kopert b'assigurazzjoni ta' riskju għoli, kif meħtieġ mill-kundizzjonijiet fiż-żona ta' responsabbiltà;

(c) jiżgura li l-membri kollha tat-tim tar-RSUE li jkunu ser jiġu stazzjonati barra l-Unjoni, inkluż persunal li jkun ingħata kuntratt lokalment, ikunu rċevew taħriġ adatt fir-rigward tas-sigurtà qabel jaslu fiż-żona ta' responsabbiltà jew kif jaslu fiha, abbażi tal-livelli tar-riskju assenjati lil dik iż-żona mis-SEAE;

(d) jiżgura li jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet kollha miftehmin, magħmula b'segwitu għal valutazzjonijiet regolari tas-sigurtà, u jippreżenta lill-Kunsill, lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni rapporti bil-miktub dwar l-implimentazzjoni tagħhom u dwar kwistjonijiet oħra ta' sigurtà fil-qafas tar-rapporti ta' progress regolari u rapport komprensiv u finali dwar l-implimentazzjoni tal-mandat imsemmi fl-Artikolu 15.

*Artikolu 11*

**Rapporti**

Ir-RSUE għandu jipprovdi regolarment rapporti lir-Rappreżentant Għoli u lill-KPS. Ir-RSUE għandu jirrapporta wkoll lill-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill, kif meħtieġ. Ir-rapporti regolari għandhom jiġu ċċirkolati permezz tan-netwerk COREU. Ir-RSUE jista' jipprovdi rapporti lill-Kunsill Affarijiet Barranin. Ir-RSUE jista' jkun involut fl-għoti ta' informazzjoni lill-Parlament Ewropew.

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill (ĠU L 325, 11.12.2009, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2009/937/oj).

*Artikolu 12*

**Koordinazzjoni**

1. Ir-RSUE għandu jikkontribwixxi għall-unità, il-konsistenza u l-effettività tal-azzjoni tal-Unjoni u għandu jgħin biex jiżgura konsistenza fl-użu tal-istrumenti kollha tal-Unjoni u fit-teħid tal-azzjonijiet kollha tal-Istati Membri, biex jinkisbu l-objettivi tal-politika tal-Unjoni. Għandhom jintalbu kuntatti mal-Istati Membri fejn xieraq. L-attivitajiet tar-RSUE għandhom jiġu kkoordinati ma' dawk tal-Kummissjoni, kif ukoll ma' dawk ta' RSUE oħrajn li jkunu attivi fir-reġjun, kif xieraq. Ir-RSUE għandu jipprovdi informazzjoni regolari lill-missjonijiet tal-Istati Membri u lid-delegazzjonijiet tal-Unjoni.

2. Fuq il-post, għandhom jinżammu kuntatti mill-qrib mal-Kapijiet tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni fir-reġjun u mal-Kapijiet ta' Missjoni tal-Istati Membri. Dawn għandhom jagħmlu kull sforz biex jassistu lir-RSUE fl-implimentazzjoni tal-mandat. Ir-RSUE għandu jipprovdi gwida politika lokali lill-Kap tal-EULEX KOSOVO, inkluż dwar l-aspetti politiċi ta' kwistjonijiet relatati ma' responsabbiltajiet eżekuttivi. Ir-RSUE u l-Kmandant tal-Operazzjonijiet Ċivili għandhom jikkonsultaw lil xulxin, kif meħtieġ. Ir-RSUE għandu jikkoordina mill-qrib mar-RSUE għad-Djalogu bejn Belgrad u Pristina, u għandu joffri pariri politiċi u għarfien espert lokali. Ir-RSUE għandu wkoll iżomm kuntatti ma' aġenziji lokali rilevanti u ma' atturi internazzjonali u reġjonali oħra fuq il-post.

3. Ir-RSUE, flimkien ma' atturi oħra tal-Unjoni preżenti fuq il-post, għandu jiżgura t-tixrid u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni fost l-atturi tal-Unjoni fuq il-post bil-ħsieb li jinkiseb livell għoli ta' għarfien u valutazzjoni komuni dwar is-sitwazzjoni.

*Artikolu 13*

**Surroga tad-drittijiet**

Għall-fini li jiġi żgurat li l-impenji legali li daħlu għalihom ir-RSUE preċedenti għall-Kosovo jiġu rispettati fir-rigward tal-membri tat-tim tagħhom u l-akkwist ta' xogħlijiet, provvisti jew servizzi jew il-kiri ta' art, bini jew proprjetà immobbli oħra, ir-RSUE għandu jieħu post, u jassumi d-drittijiet u l-obbligi ta' tali RSUE preċedenti, bl-eċċezzjoni tal-obbligi li jirriżultaw minn kondotta ħażina serja li għaliha tali RSUE preċedenti għandhom jibqgħu unikament responsabbli.

*Artikolu 14*

**Aċċess għad-dokumenti u protezzjoni tad-data**

1. Ir-RSUE għandu japplika r-regoli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), kif ukoll ir-regoli ta' implimentazzjoni stabbiliti fid-Deċiżjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tas-6 ta' Marzu 2025 ([7]).

2. Ir-RSUE għandu jipproteġi lill-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali tagħhom f'konformità mar-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]), u mar-regoli ta' implimentazzjoni adottati mir-Rappreżentant Għoli għas-SEAE.

([6]) Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2001/1049/oj).

([7]) Id-Deċiżjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tas-6 ta' Marzu 2025 dwar ir-regoli rigward it-trattament ta' talbiet għal aċċess pubbliku għal dokumenti miżmuma mir-Rappreżentanti Speċjali tal-UE (ĠU C, C/2025/1951, 31.3.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/1951/oj).

([8]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

*Artikolu 15*

**Rieżami**

L-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u l-konsistenza tagħha ma' kontributi oħra mill-Unjoni għar-reġjun għandhom jiġu rieżaminati regolarment. Ir-RSUE għandu jippreżenta lill-Kunsill, lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni rapporti ta' progress fuq bażi regolari u rapport komprensiv u finali dwar l-implementazzjoni tal-mandat sal-31 ta' Mejju 2028.

*Artikolu 16*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2026.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. KALLAS